MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2014

Appell Civili Numru. 546/2008/1

**Eleni Papadopoulou bhala mandatarja specjali f'isem u ghan-nom tas-socjetajiet Ferrum Shipping Co. Ltd (C20121),**
**Eridan Shipping Limited (C14646),**
**Kama II Shipping Co. Ltd (C18129) u**
**Antarus Shipping Co. Ltd (C20122)**

**v.**

**1. Direttur Generali ta' l-Artijiet u Registru Pubbliku; u**
**2. Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat tal-atturi li gie pprezentat fid-29 ta’ Mejju 2008, u li jaqra hekk:

“1. Illi fit-tmintax (18) ta' Settembru, 1998 ir-rikorrenti intavolaw u ottjenew il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni numru 3299/98 fl-ismijiet **Av. Dott. Jotham Scerri-Diacono noe vs Av. Dott. Joseph Azzopardi et noe***,* li kopja legali taghha giet annessa mar-rikors u immarkata bhala Dokument "A", bis-sahha ta' liema mandat il-konjugi Stanislav Filatov u martu Irina Filatova gew inibiti *inter alia* milli jittrasferixxu kwalunkwe proprjeta` taghhom u b’mod partikolari l-villa *semi-detached* bl-isem "Echuca" gia` "The Village Ville", minghajr numru, fi Triq il-Franciz, ta’ L-Ibragg, Saint Andrews, limiti ta’ San Giljan;

“2. Illi l-ufficcjal inkarigat sabiex jesegwixxi l-imsemmi mandat ta' inibizzjoni numru 3299/98 innotifika dan l-att lid-Direttur tar-Registru Pubbliku fit-tmintax (18) ta' Settembru 1998, meta ikkonsenja l-imsemmi att f’idejn l-Assistent Direttur tar-Registru Pubbliku, Dottor Adrian Dingli, kif jidher mir-referta fuq l-imsemmi mandat ta' inibizzjoni anness mar-rikors u immarkat bhala Dokument "A";

“3. Illi l-artikolu 874 (4), gia` 873(10), tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li kwalunkwe kuntratt li jsir bi ksur ta' mandat ta' inibizzjoni huwa "null u bla ebda effett", diment izda li l-kuntratt ikun sar wara li tali mandat ikun gie hekk registrat;

“4. Illi minkejja l-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni *de quo,* fil-21 ta' Settembru, 1998 l-imsemmi Stanislav Filatov u martu Irina Filatova ittrasferew il-fond bl-isem "Echuca", sitwat go Triq tal-Franciz, ta' L-Ibrag, lis-socjeta` Koufra Holdings Limited b’kuntratt redatt fl-atti tan-Nutar Remigio Zammit Pace; skond l-istess kuntratt notarili, il-konjugi Filatov thallsu u rcevew minghand is-socjeta` Koufra Holdings Limited is-somma ta' tmenin elf Liri Maltin (Lm80,000) bhala prezz tal-villa mibjugha minnhom. Dan jirrizulta mill-imsemmi kuntratt ta' kompro-vendita u li kopja tieghu giet annessa u immarkat bhala Dokument "B";

"5. Illi fit-28 ta' Ottubru 1999 l-imsemmija socjeta` Koufra Holdings Limited intavolat kawza kontra s-socjetajiet attrici fl-ismijiet **Koufra Holdings Limited versus Eridan Shipping Limited et**, Citazzjoni numru 2352/1999, sabiex il-Qorti tiddeciedi jekk l-msemmi mandat ta' inibizzjoni numru 3299/98 laqatx jew le l-imsemmi kuntratt ta' kompro-vendita li l-istess socjeta` Koufra Holdings Limited kienet ghamlet mal-konjugi Filatov fil-21 ta' Settembru, 1998;

"6. Illi fit-12 ta' Novembru 2004 il-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat sentenza fl-imsemmija kawza fejn irrizulta li d-Direttur tar-Registru Pubbliku naqas milli jirregistra minnufih il-mandat ta' inibizzjoni 3299/98 hawn fuq imsemmi, u allura tali mandat ma kienx minnufih accessibbli ghall-pubbliku kif jirrikjedi l-artikolu 874 (li fis-sena 1998 kien l-artikolu 873) tal-Kapitolu 12 u b'konsegwenza ta' tali nuqqasijiet, il-mandat ta' inibizzjoni *de quo* gie dikjarat illi ma laqatx it-trasferiment tal-21 ta' Settembru 1998 fejn l-imsemmi Stanislav Filatov u martu Irina Filatova ittrasferew l-imsemmi fond. L-imsemmija decizjoni giet annessa mar-rikors u immarkata Dokument "C";

"7. Illi l-atturi appellaw minn din is-Sentenza lill-Qorti ta' l-Appell. Minkejja dan, l-istess Qorti ta' l-Appell, bis-sentenza taghha tas-sitta (6) ta' Lulju 2007 fl-ismijiet **Koufra Holdings Limited versus Eridan Shipping Limited et**, li kopja taghha giet annessa mar-rikors u immarkata bhala Dokument "D", ikkonfermat is-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza; izda l-Qorti ta' l-Appell ma waqfitx hemm u irriservat favur l-istess rikorrenti "kwalunkwe azzjoni ghad-danni kontra d-Direttur tar-Registru Pubbliku u/jew ufficjali fl-istess dipartiment *si et quatenus*" u dan wara li l-Qorti ta' l-Appell ikkummentat hekk:

"Din il-Qorti thoss li, f'dan il-kaz, m'ghandhiex toqghod lura milli ccanfar u ticcensura bl-aktar mod qawwi lid-Direttur tar-Registru Pubbliku ta' dak iz-zmien talli ippermetta li sitwazzjoni bhal din issehh. Jirrizulta, mhux biss li ufficjal thalla jitlaq minn fuq ix-xoghol qabel il-hin,

izda d-Direttur jew l-Assistent tieghu ma ipprovdiex ghal tali nuqqas billi jara li dak li trid il-ligi jsir minn xi ufficjal iehor jew minnu stess, bhala l-persuna responsabbli ghat-twettiq tal-ligi. Fil-fatt, l-ufficjal inkarigat bl-indici jammetti li l-mandat wasal fir-Registru Pubbliku fis-1.30 p.m., meta hu kien diga' telaq. L-Assistent Direttur xehed ukoll li meta ha l-mandat in kwistjoni biex jigi indicjat, "ma kien hemm hadd dakinhar fl-*indexing department*". L-Assistent Direttur, flok ha hsieb jirregistra l-mandat hu, skond il-funzjoni tieghu, qabad u telqu hemm sakemm gie registrat erbat ijiem wara mill-ufficjal inkarigat! Il-ligi trid li l-procedura ta' registrazzjoni ssir "minnufih", jigifieri dak il-hin stess, u d-Direttur jew l-Assistent tieghu kellu jara li d-dispozizzjonijiet tal-ligi jigu segwiti *ad literam* [*recte litteram*], u mhux ghax fis-sezzjoni ta' l-*indexing* "inserta" (!) ma kien hemm hadd, jitlaq l-att fuq il-mejda;"

"8. Illi infatti, b' rabta ma' dak illi qalet il-Qorti ta' l-Appell, l-artikolu 874(3) (li fis-sena 1998 kien l-artikolu 873(9)) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi specifikament li mandat ta' inibizzjoni ta' dina x-xorta ghandu jigi registrat mid-Direttur tar-Registru Pubbliku **<u>minnufih</u>** wara li d-Direttur jigi notifikat bih: ir-registrazzjoni ssir f'kotba appoziti accessibli ghall-pubbliku;

"9. Illi minhabba l-imsemmija nuqqasijiet deskritti hawn fuq u minhabba nuqqasijiet ohra relatati attribwibbli lill-konvenuti, il-kuntratt tal-21 ta' Settembru 1998 imsemmi hawn fuq m'huwiex impunjabbli fis-sens kontemplat fl-imsemmi Artikolu 874(4) tal-Kap. 12, u, kwindi dan ifisser ukoll li l-villa *de quo* mibjugha bis-sahha ta' l-istess kuntratt tal-21 ta' Settembru 1998 harget ghal kollox mill-partimonju tad-debituri ta' l-atturi;

"10. Illi, ghaldaqshekk is-sentenza li l-atturi ottjenew kontra l-istess debituri konjugi Filatov, fl-isimijiet **Av. Dott. Jotham Scerri-Diacono noe vs Av. Dott. Joseph Azzopardi et noe et** Citazzjoni numru 411/99GV, li kopja taghha giet annessa mar-rikors u immarkata bhala Dokument "E", fejn il-Qorti ikkundannat lill-konvenut Filatov u zewg kumpanniji tieghu jhallsu s-somma ta'

US$1,054,656 lill-atturi, ma tistax tigi esegwita fuq l-imsemmija villa, minkejja li l-mandat ta’ inibizzjoni kien inhareg fuq l-istess villa in kawtela ta' l-istess pretensjonijiet attrici kanonizzati fl-istess sentenza fil-kawza bic-citazzjoni numru 411/99/GV;

“11. Illi f’cirkustanzi fejn l-atturi m’ghandhomx assi alternattivi fuq xiex jistghu jesegwixxu s-sentenza taghhom fil-kawza 411/99GV, l-atturi sofrew telf, ossija danni, konsistenti fil-valur ta' l-istess villa u dan peress li l-atturi tilfu l-assi principali appartenenti lid-debituri taghhom (u cioe` l-imsemmija villa*),* kif jirrizulta mill-kopji tar-ricerki ufficjali tal-passiv u l-attiv tal-konjugi Filatov li gew annesi mar-rikors u immarkati bhala Dokumenti “F” u “G”, illi fuqu kellhom il-hsieb illi jesegwixxu s-sentenza msemmija.

“12. Illi dan gara esklussivament minhabba t-traskuragni, imperizja, negligenza, u / jew minhabba nuqqasijiet ohra attribwibbli lill-konvenuti li naqsu milli josservaw id-doveri taghhom skond il-ligi, kif ahjar deskritt fl-imsemmija sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell tas-6 ta’ Lulju 2007;

“13. Illi infatti t-tentattivi kollha ta' l-atturi sabiex jesegwixxu l-imsemmija Sentenza ta’ dina l-Qorti fil-kawza 411/99GV kontra l-konjugi Filatov, id-debituri taghhom, fallew (hlief ghal xi ftit Bank Of Valletta *shares* (kif jirrizulta mid-dokument annessi mar-rikors u immarkati bhala Dokument “H”) u kont bankarju wiehed b'bilanc nominali (kif jirrizulta mid-dokument anness mar-rikors u immarkat bhala Dokument "I")) stante li l-konjugi Filatov m'ghandhom l-ebda assi hawn Malta li fuqhom tista' tigi ezegwita l-imsemmija sentenza, kif jirrizulta mill-imsemmija ricerki ufficjali tal-konjugi Filatov, kif ukoll mid-diversi mandati li hargu l-atturi kontra l-konjugi Filatov u li kopja taghhom giet annessa mar-rikors u immarkata bhala Dokument "J";

“14. Illi t-tentattivi kollha ta' l-atturi sabiex jesegwixxu l-imsemmija sentenza ta' dina l-Qorti fil-kawza 411/99GV kontra l-konvenuti l-ohra fl-istess kawza - E.I. Holdings Limited u River-Sea Shipmanagement Limited - fallew wara li rrizulta li tali konvenuti ma kellhomx assi hawn

Malta fuq xiex l-imsemmija sentenza setghet tigi ezegwita u in oltre kienu fil-process li jigu likwidati u xolti. Dan jirrizulta mill-ittra ta' l-istralcarju ta' l-imsemmija zewg socjetajiet li kopja taghha giet annessa mar-rikors u immarkata bhala Dokument "K";

“15. Illi s-socjetajiet attrici interpellaw lill-konvenuti b'ittra ufficjali taghhom ta' l-ghaxra (10) ta’ Lulju, 2007 (Dokument "L"), sabiex jersqu ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni sofferti minnhom, izda dawn bl-ittra ufficjali taghhom tad-19 ta' Lulju 2008 irrifjutaw it-talbiet attrici. L-istess socjetajiet attrici gja kienu zammew lill-konvenuti responsabbli ghad-danni permezz ta’ diversi protesti gudizzjarji (Dokumenti “M1” sa “M3”);

“Jghidu ghalhekk l-intimati, jew min minnhom, ghaliex din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex ghar-ragunijiet hawn fuq premessi:-

“(1) Tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenuti, ghar-ragunijiet imsemmija hawn fuq, huma responsabbli ghad-danni subiti mis-socjetajiet attrici b’konsegwenza tan-nuqqasijiet kommessi u/jew attribwibbli lill-konvenuti, jew minn minnhom, kif deskritti hawn fuq;

“(2) Tillikwida l-imsemmija danni sofferti mis-socjetajiet attrici skond id-domanda precedenti, okkorrendo b’opera ta’ periti nominandi; u

“(3) Tikkundanna l-konvenuti, jew min minnhom, ihallsu lis-socjetajiet attrici d-danni likwidati minn dina l-Qorti skond it-talba precedenti, bl-imghax skond il-Ligi.

“Bl-ispejjez kontra l-intimati li gew ingunti ghas-subizzjoni.”

Rat ir-risposta gurmentata tal-konvenuti li in forza taghha eccepew illi:
“1. Illi preliminarjament l-intimati eccepew li l-azzjoni odjerna hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2153 tal-Kap 16 stante t-trapass ta' sentejn mid-data li gie pubblikat il-kuntratt in kwistjoni li jidher li sar ta’ malajr f’gurnata li hija vakanza pubblika f’cirkostanzi li jindikaw li l-partijiet

kellhom ghagla kbira mhux oggettivament gustifikata biex jittrasferixxu l-proprjeta` in kwistjoni.

“2. Illi preliminarjament ukoll in kwantu t-talbiet dedotti fir-rikors guramentat huma ibbazati fuq is-sentenza fl-ismijiet **Koufra Holdings Limited versus Eridan Shipping Limited et** (Ref. 2352/1999), l-imsemmija sentenza ma taghmilx stat fil-konfront ta’ l-intimati stante li huma ma kienux fil-proceduri li wasslu ghal dik is-sentenza u ghalhekk ma setghux jiddefendu ruhhom.

“3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-intimati jirrilevaw li stante li dan il-mandat gie notifikat lid-Direttur tar-Registru Pubbliku fl-1.30 meta d-Dipartiment ghalaq, la hemm u anqas jista’ jkun hemm ness ta' kawzalita bejn il-fatt li l-mandat ma giex indicjat, ghad li gie registrat minn Dr. Adrian Dingli dak in-nhar stess f’hin meta r-Registru Pubbliku kien maghluq ghall-pubbliku, u d-danni li qeghdin jallegaw li sofrew is-socjetajiet rikorrenti. Illi bil-kelma 'minnufih', huwa car li l-legislatur ried ifisser bhala minnufih fil-kuntest tal-hinijet legali li jkun miftuh ir-Registru Pubbliku.

“4. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost ukoll, il-fatt li l-kuntratt gie pubblikat f’festa pubblika li segwiet *weekend* jindika li l-partijiet f’dak il-kuntratt pubbliku hadu riskju kbir dwar il-fatt li n-nutar ma setax fizikament jaghmel ir-ricerki aggornati, kif normalment isir, u ghalhekk l-partijiet f’dak il-kuntratt ikkomportaw ruhhom b’mod li juri indifferenza ghall-possibilita` li jezisti xi impediment legali ghal trasferiment li jirrendi lilhom u mhux lill-intimati responsabbli tal-konsewenzi ta' dan l-agir taghhom.

“5. Illi fi kwalunkwe kaz l-azzjoni odjerna mhux attribwibbli ghal xi nuqqas ta' l-intimati li ghaldaqstant m'ghandhomx jigu soggetti ghall-ispejjez ta' l-istanti.

“6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.”

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fis-6 ta’ Mejju, 2010, li in forza taghha, wara li semghet provi

relattivi biss ghal dak li ghandu x’jaqsam mal-eccezzjoni preliminari tal-konvenuti dwar il-preskrizzjoni laqghet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni bazata fuq l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili u ddikjarat l-azzjoni preskritta; spejjez tal-kawza kontra l-atturi;

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
“Illi l-provi f’din id-decizjoni huma relattivi ghal dak li ghandu x’jaqsam mal-eccezzjoni preliminari ta’ l-intimati dwar il-preskrizzjoni u dan kif degretat fil-15 ta’ Lulju 2008, fol 246.

“Rat id-digriet ta’ din il-Qorti kif presjeduta tad-19 ta’ Frar 2009 li permezz tieghu l-Qorti cahdet it-talba ta’ l-intimati biex jipprezentaw eccezzjonijiet ulterjuri.

“Rat il-verbal tad-19 ta’ Mejju 2009 li permezz tieghu Dr. Micallef Grimaud ghall-attrici *nomine* iddikjara li l-attrici m’ghandhiex provi ta’ xhieda jew dokumenti xi tressaq dwar l-ewwel eccezzjoni.

“Gie prezentat l-affidavit ta’ Dr. Adrian Dingli, Assistent Direttur fir-Registru Pubbliku, li fih issemma li r-Registru Pubbliku u r-Registru ta’ l-Artijiet ma gew notifikati bl-ebda att gudizzjarju jew azzjoni legali ghall-hlas ta’ l-allegati danni li qed jigu pretizi mir-rikorrenti fir-rikors guramentat, matul il-perijodu ta’ sentejn li beda jiddekorri mill-25 ta’ Settembru 1998 f’liema data gie registrat l-imsemmi kuntratt pubbliku ta’ bejgh li permezz tieghu giet trasferita proprjeta` immobbli mill-vendituri konjugi Stanislav u Irina Filatov. Zied li ghalhekk id-Dipartiment isostni li fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni odjerna hija preskritta *ai termini* ta’ l-Artikolu 2153 tal-Kap 16 stante t-trapass ta’ sentejn mid-data meta gie registrat il-kuntratt in kwistjoni li jidher li sar ta' malajr f'gurnata li hija vakanza pubblika f’cirkostanzi li jindikaw li l-partijiet kellhom ghaggla kbira mhux oggettivament gustifikata, biex jittrasferixxu l-proprjeta` in kwistjoni u ghaldaqstant ir-rikorrenti huma unikament responsabbli ghall-agir riskjuz u azzardat taghhom. Xtaq izid li l-mandat ta' inibizzjoni li ghandu n-numru 3299 tas-sena 1998 li gie ipprezentat fil-Qorti l-

Gimgha 18 ta’ Settembru 1998 gie notifikat lid-Dipartiment dak in-nhar stess u cioe` l-Gimgha 18 ta’ Settembru 1998 fil-1.30 ta’ wara nofs in-nhar meta r-Registru Pubbliku kien effettivament ghalaq. Illi madanakollu hu qaghad wara l-hin u irregistrah billi tah in-numru li kien imiss u cioe` 254 u segwa l-procedura tas-soltu billi qieghedu fuq l-iskrivanija tas-Sezzjoni ta’ l-Indicjar biex jiddahhal mill-ufficjal inkarigat ta’ dik is-Sezzjoni mill-ewwel fl-indici relattiv, meta jerga’ jiftah ir-Registru ghall-pubbliku fl-ewwel gurnata ta’ xoghol li kien imiss li kienet it-Tlieta 22 ta’ Settembru 1998.

“Semma li ghaldaqstant il-proceduri huma tardivi stante li l-ligi tistipula b’mod car li l-azzjoni ghal xi allegata talba ghal danni mhux ikkagunati b’reat taqa’ bi preskrizzjoni bl-eghluq ta’ sentejn u fic-cirkostanzi odjerni r-rikorrenti setghu ghamlu tali talba mid-data li gie registrat il-kuntratt, liema kuntratt ma kienx operattiv fil-konfront ta’ terzi persuni qabel il-25 ta' Settembru 1998 meta gie fil-fatt registrat fir-Registru Pubbliku.

“**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

“***<u>D1. Fatti tal-kaz:</u>***

“Jirrizulta li bejn Jannar 1993 u Frar 1998 certu Stanislav Filatov kien allegatament assuma b’mod irregolari l-kariga ta’ direttur ezekuttiv ta’ erba’ socjetajiet rikorrenti u allegatament dan minghajr ma hu kellu l-approvazzjoni tal-Bord tad-Diretturi u ta’ l-azzjonisti rispettivi skond ma jirrizulta mis-sentenza Dok E. Wara investigazzjonijiet imnedija mis-socjeta` Russa, Kama River Shipping Co. Limited - li tigi l-*parent company* ta’ dawn is-socjetajiet rikorrenti Maltin, irrizulta li fiz-zmien li Filatov kien allegatament assuma r-rwol ta’ direttur ezekuttiv ta' dawn l-istess socjetajiet huwa kien indebitament irnexxielu jittrasferixxi ammonti sostanzjali ta' flus minn kontijiet bankarji intestati f’isem is-socjetajiet rikorrenti li huma kellhom depozitati fi hdan il-Hambros Bank ta' Londra ghal gol-kont bankarju personali tieghu u tal-kumpaniji River Sea Shipmanagement Limited, Capes Shipping Services Inc u E. I. Holdings Limited li kienu lkoll

personalment gestiti minnu, liema trasferimenti b'kollox allegatament kienu jammontaw ghal US$ 1,054,656 (cirka €755,120.62). Fit-18 ta' Settembru 1998 is-socjetajiet rikorrenti bil-ghan li jikkawtelaw dan l-allegat kreditu talbu lill-Qorti sabiex tordna l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni bin-numru 3299/98 kontra kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti Stanislav Filatov u martu Irina Filatova bil-ghan li dawn jinzammu milli jbieghu u jittrasferixxu *s-semi detached* villa bl-isem *'Echuca'* minghajr numru fi Triq tal-Franciz, ta' l-Ibragg, St. Andrews. Il-Qorti laqghet provizorjament it-talba ghall-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni u ordnat ukoll notifika ta' l-istess lid-Direttur Generali tal-Artijiet u Registru Pubbliku u lid-Direttur tar-Registru Pubbliku, liema mandat ta' inibizzjoni gie servut lid-Direttur tar-Registru Pubbliku dakinhar stess, il-Gimgha 18 ta' Settembru 1998, fis-siegha u nofs ta' wara nofsinhar f'idejn l-Assistent Direttur l-Avukat Dr. Adrian Dingli. Bis-saħħa ta' dan il-mandat il-konjugi Stanislav Filatov u martu Irina Filatova gew inibiti *inter alia* milli jittrasferixxu kwalunkwe proprjetà tagħhom u b'mod partikolari l-villa *semi-detached* bl-isem "Echuca" gja` "The Village Ville", mingħajr numru, fi Triq il-Franċiz, ta' L-Ibragg, Saint Andrews, limiti ta' San Ġiljan. Fil-granet tas-Sibt u l-Hadd ir-Registru Pubbliku ma fetahx u baqa' maghluq ukoll fil-gurnata tat-Tnejn, 21 ta' Settembru 1998, minhabba li kienet festa nazzjonali b'kommemorazzjoni ghal jum l-Indipendenza. Fil-21 ta' Settembru 1998 Stanislav Filatov (li suppost kien assenti minn Malta) u Francis Spiteri Paris ghan-nom ta' Irina Filatova, bis-sahha ta' att ta' kompra-vendita (Dok. B), kienu bieghu u ittrasferew is-*semi detached* villa bl-isem 'Echuca', minghajr numru, sitwata fi Triq tal-Franciz, tal-Ibragg, St. Andrews, limiti ta' San Giljan u Birkirkara a favur tas-socjeta` Koufra Holdings Limited u dan versu l-prezz komplessiv ta' Lm100,000 mil-liema Lm80,000 minnhom kienu ghall-immobbli filwaqt li r-rimanenti bilanc ta' Lm20,000 kienu ghall-effetti mobiljari li kienu jinsabu fil-villa.

"Irrizultat kwistjoni dwar il-validita` tal-bejgh in vista ta' l-imsemmi mandat ta' inibizzjoni. Sussegwentement il-Prim'Awla tal-Qorti Civili permezz ta' sentenza tat-12 ta'

Novembru 2004 (Dok C) laqghet it-talbiet tas-socjeta` kompratrici Koufra Holdings Limited. Fl-imsemmija kawza irrizulta li d-Direttur tar-Registru Pubbliku naqas milli jirregistra minnufih il-mandat ta' inibizzjoni 3299/98, u allura tali mandat ma kienx minnufih accessibbli ghall-pubbliku kif jirrikjedi l-artikolu 874 (li fis-sena 1998 kien l-artikolu 873) tal-Kapitolu 12 u b'konsegwenza ta' tali nuqqasijiet, il-mandat ta' inibizzjoni *de quo* gie dikjarat li ma laqatx it-trasferiment tal-21 ta' Settembru 1998 fejn l-imsemmi Stanislav Filatov u martu Irina Filatova ittrasferew l-imsemmi fond. Il-Qorti iddikjarat li l-mandat ta' inibizzjoni ma kienx jaffettwa u/jew jannulla l-kuntratt tal-21 ta' Settembru 1998. Gew anke prezentati protesti gudizzjarji kontra l-intimati ghar-responsabbilta` finanzjarja. Fil-fatt is-socjetajiet rikorrenti appellaw mis-sentenza tal-Prim'Awla u fis-16 ta' Dicembru 2004 regghu ipprezentaw protest gudizzjarju iehor kontra d-Direttur tar-Registru Pubbliku fejn infurmawh dwar is-sentenza tat-12 ta' Novembru 2004 u wissewh li jekk din kienet ha tigi konfermata mill-Qorti ta' l-Appell huma kienu ha jfittxu lill-istess Direttur ghad-danni. Dan il-protest gudizzjarju gie mressaq sentejn u seba' xhur wara l-ewwel protest gudizzjarju tal-11 ta' Mejju 2001 (fol 178) u cioe` fis-16 ta' Dicembru 2004 (fol 183).

"Kien hemm is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tas-6 ta' Lulju 2007 (Dok. D) li ikkonfermat id-decizjoni ta' l-Ewwel Qorti, li kienet segwita b'ittra ufficjali ta' l-10 ta' Lulju 2007.

"***<u>D2. L-azzjoni attrici u l-preskrizzjoni applikabbli:</u>***

"L-azzjoni odjerna hija ghar-rizarciment tad-danni sofferti mir-rikorrenti kawza tan-negligenza tad-Direttur tar-Registru Pubbliku milli jirregistra minnufih il-mandat ta' inibizzjoni bin-numru 3299/98.

"L-artikoli relevanti tal-Kap 16 huma l-artikoli 1031, 1032 u 1045.

"1031 "Izda kull wiehed iwiegeb ghal hsara li tigri bi htija tieghu."

“Art. 1032 (1) “Jitqies fi htija kull min fl-ghemil tieghu ma juzax il-prudenza, id-diligenza u l-hsieb ta’ missier tajjeb tal-familja.”

(2) “Hadd ma jwiegeb, fin-nuqqas ta’ dispozizzjoni espressa tal-ligi, ghal hsara li tigri, minhabba nuqqas ta’ prudenza, ta’ diligenza jew ta’ hsieb fi grad akbar.”

“Art 1045 (1) “Il-hsara li l-persuna responsabbli ghandha twiegeb ghaliha, skond id-disposizzjonijiet ta’ qabel, hija t-telf effettiv li l-eghmil taghha jkun gieb direttament lill-parti li tbati l-hsara, l-ispejjez li din il-parti setghet kellha taghmel minhabba l-hsara, it-telf tal-paga jew qligh iehor attwali, u t-telf ta’ qligh li tbati ’l quddiem minhabba inkapacità ghal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-eghmil seta’ jgib.

(2) “Is-somma li ghandha tigi moghtija ghal din l-inkapacità tigi stabbilita mill-qorti, wara li tqis ic-cirkostanzi tal-kaz, u, b’mod partikolari, ix-xorta u grad ta’ inkapacità ikkagunata, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-hsara.”

“L-artikolu 2153 tal-Kodici Civili jghid li:

“L-azzjoni ghall-hlas tal-hsarat mhux ikkagunati b’reat taqa’ bi preskrizzjoni bl-eghluq ta’ sentejn”.

“Dan l-artikolu li precedentement kien l-artikolu 2258 jirrigwarda danni derivanti minn htija jew “*culpa*” extra kontrattwali kif imsejha komunement “*Culpa Aquiliana*”. Din hija applikabbli ghal danni li jitnisslu minn delitti fis-sens civili u kwazi delitti. Skond il-gurisprudenza taghna din il-preskrizzjoni tibda tghaddi mill-jum li fih ikun gara l-fatt illecitu u minnha jidderiva d-dannu u mhux mill-jum meta l-parti leza tigi taf bih. Huwa biss fil-kaz ta’ htija extra-kontrattwali li jkollha l-effikacja l-preskrizzjoni eccepita.

“Fis-sentenza fl-ismijiet **Mary Xuereb vs Nutar Emanuel Agius** deciza fil-31 ta Ottubru 1959 moghtija minn din il-Qorti kif diversament preseduta (Imh. Dr. A. V. Camilleri) XLIII-II- 789, il-Qorti rriteniet illi dawn id-danni li talvolta

jistghu jigu reklamati a tenur ta’ l-artikolu 2153 tal-Kap 16 ghandhom ikunu danni li jirrizultaw minn htija ossia kolpa extra-kontrattwali u hu mehtieg li l-vjolazzjoni ma jkollhiex ebda rapport dirett mal-kuntratt pre-ezistenti.

“Fis-sentenza msemmija jinghad:

“Illi skond il-gurisprudenza taghna, l-artikolu nvokat u l-preskrizzjoni opposta msemmija fih jirrigwardaw danni derivanti minn htija jew “*culpa*” extra-kontrattwali, jew, kif tissejjah komunement, “*Culpa Aquiliana*”. Fi kliem iehor, hija applikabbli ghad-danni li jitnisslu minn delitti fis-sens civili u kwazi-delitti (ara Appell “**J. Camilleri vs Dr. Frendo**”, 22 ta’ Frar 1889; Vol. XII, pag. 144: Kummerc “**Calafato vs Muscat**”, 5 ta’ Frar 1893; Vol. XV pag. 44; P.A. Civili “**Similiana vs Fenech**”, 14 ta’ Frar 1900, Vol. XVII, p. 180; Appell “**Scicluna vs Trany**”, 22 ta’ Gunju 1900, Vol. XVI, P.I. pag. 151; Kummerc “**Attard vs Zerafa**”, 24 ta’ April 1906, Vol. XIX-III-106; Appell “**Dr. Buhagiar vs De Nicola**”, 30 ta’ Jannar 1911, Vol. XXI-I-529; Appell “**Dr. Galea Naudi vs Zammit**”, 9 ta’ Marzu 1925, Vol. XXVI-I-54; P.A. Civili “**Vella vs Fenech**”, 7 ta’ Dicembru 1927, Vol. XXVI-II-515; Appell “**Tonna vs Smith**”, 7 ta’ Novembru 1932, Vol. XXVIIII-I-726; u ohrajn);

“Illi jinghad ukoll li tant id-dottrina kemm il-gurisprudenza lokali stabbilew li din il-preskrizzjoni tibda tghaddi u timxi mill-jum li fih ikun gara l-fatt illecitu li minnu jidderiva d-dannu u mhux mill-jum meta l-parti leza tigi taf bih (ara Appell 30 ta’ Mejju 1952, “**Carmelo Micallef vs Brigadier John Belle McCance**”, Vol. XXXVI-I-133; Appell 22 ta’ Gunju 1900, “**Scicluna nomine vs Trany nomine et**” fuq citata; Kummerc 31 ta’ Jannar 1935, “**Michele Mifsud vs Eugenia Buhagiar**”, Vol. XXIX-III-92; Pugliese, Parte II, La Prescrizione Estintiva, para. 63; Laurent, Dto. Civile, Vol. XXXII, para. 15; Baudry, Vol. XXVIII, Prescrizione, para. 380)…”

“Ara wkoll f’dan is-sens LFS: **Maltacom p.l.c. vs Mizzi Alfred et** 1/6/04.

“Fil-kawza fl-ismijiet **Gaetano Spiteri pro et noe vs Thomas Castle** deciza minn din il-Qorti presjeduta mill-Onor. Imhallef Dr. Caruana Curran fit-18 ta’ Awissu 1965 XLIXII-1027 il-Qorti ghamlet id-distinzjoni dwar il-preskrizzjoni ta’ sentejn meta d-danni jidderivaw mill-*culpa aquiliana* jew mill-kwazi delitt ghall-preskrizzjoni ta’ hames snin meta d-danni jidderivaw mill-culpa kontrattwali.

“Il-*culpa* kontrattwali tirrikorri meta d-dannu jigi kagunat f’rapport extra-kontrattwali, cioe` tillimita ruhha ghall-fatt tal-bniedem bhala ksur **tad-dover ta’ protezzjoni** jew tad-dover generali tan-*neminem laedere* kombinat man-negligenza taht l-artikolu 1075, 1076 tal-Kodici mentri l-kolpa jew responsabbilta` kontrattwali tirrisali ghall-kuntratt u hija fundata fuq il-vjolazzjoni **tad-dover tal-prestazzjoni** li l-obbligat ghandu favur il-parti l-ohra… Illi a propozitu ta’ dana l-Onor. Qorti tal-Appell fi zmien aktar recenti (**Busuttil vs Schembri** 19 ta’ Frar 1954 Vol XXXVIII-I-II pagna 292) waqt li kkonfermat id-distinzjoni fuq imsemmija ghallmet ukoll li huwa veru li mhux kull vjolazzjoni tad-dritt ta’ haddiehor fl-adempiment ta’ kuntratt tikkostitwixxi kolpa kontrattwali, izda ziedet li biex il-kolpa ma tkunx kontrattwali jehtieg li ma jkollhiex rapport mal-kuntratt pre-ezistenti, u ghalhekk jiddependi mic-cirkostanzi, il-gudizzju jew il-kolpa li wiehed mill-kontraenti jaddebita lill-iehor hijiex kontrattwali jew ***aquiliana*** u l-konkluzjoni taghha (il-kaz kien ta’ bini hazin ta’ hajt minn appaltatur) kienet li l-kolpa fil-prezenza ta’ kuntratt, tista’ tkun ***aquiliana*** biss meta l-fatt ikun indipendenti u awtonomu mir-rapport kontrattwali”.

“Ara f’dan is-sens ukoll sentenza Prim’Awla 21/06/02 **Santonocito vs Grech**, **Busuttil vs Schembri** Appell 19/02/54, **La Rosa De Cristoforo vs Rouselle** Qorti ta’ l-Appell 17/02/36.

“Wiehed ghalhekk irid jara jekk id-danni derivanti humiex kontrattwali jew extra-kontrattwali. Biex tkun applikabbli l-*culpa aquilina* u l-preskrizzjoni relattiva hemm bzonn li l-htija ma jkollha ebda rapport dirett mal-kuntratt ezistenti. Meta jkun hemm inadempjenza jew twettiq hazin ta’ l-obbligi emergenti minn ftehim ma tkunx applikabbli l-*culpa*

*aquiliana*. Ta min isemmi li danni maghmulin minn inkwilin gewwa fond hija suggetta ghall-preskrizzjoni tal-hames snin billi torigina bhala rizultat ta' kuntratt.

"Ukoll fil-kaz tal-*culpa aquiliana* tiddekorri minn meta gara l-fatt illecitu u mhux mill-jum minn meta l-parti leza ssir taf bil-fatt. Fil-kaz tal-preskrizzjoni fuq agir ta' ksur ta' kuntratt il-preskrizzjoni tibda tiddekorri minn meta l-azzjoni setghet giet ezercitata.

"Ukoll, il-preskrizzjoni fost ragunijiet ohra tinkiser ukoll b'att gudizzjarju prezentat fl-isem tas-sid jew tal-kreditur innotifikat lill-parti li kontra taghha wiehed irid ma jhallix timxi l-preskrizzjoni u li minnu jkun jidher car illi s-sid jew il-kreditur bi hsiebhom izommu l-jedd taghhom (Artikolu 2128 tal-Kodici Civili).

"L-artikolu applikabbli ghall-kaz in ezami minhabba n-natura tal-kaz huwa l-artikolu 2153.

"L-azzjoni tal-kulpa akwiljana kontra l-intimati setghet originat minn meta sar il-kuntratt ta' trasferiment tal-21 ta' Settembru 1998 u mhux aktar tard minn meta s-socjetajiet rikorrenti ufficjalment akkwistaw ix-xjenza tal-possibilita` li l-mandat ta' inibizzjoni 3299/98 ma kienx ser jannulla l-kuntratt tal-21 ta' Settembru 1998. Ghalhekk mit-28 ta' Ottubru 1999 (data meta Koufra Holdings Limited intavolat Citazzjoni 2352/99 kontra s-socjetajiet rikorrenti) is-socjetajiet rikorrenti gew a konoxxenza tal-fatt li l-mandat ta' inibizzjoni seta' ma laqatx il-kuntratt tal-21 ta' Settembru 1998. In segwitu, fil-11 ta' Mejju 2001 is-socjetajiet rikorrenti ipprezentaw Protest Gudizzjarju kontra d-Direttur tar-Registru Pubbliku, u hawnhekk wiehed jista' jasal ghall-konkluzjoni li interrompew il-preskrizzjoni, izda mir-riferta tal-protest esebita ma' Dok M1 a fol 181 jirrizulta li la gie notifikat id-Direttur tar-Registru Pubbliku u anqas l-Avukat Generali. Issa hawnhekk huwa applikabbli l-Artikolu 2130 (1) tal-Kap 16 li jiddisponi li:

“Il-preskrizzjoni ma tinkisirx jekk in-notifika ta' l-att ma ssirx qabel ma jaghlaq xahar li ghandu jibda jghodd mill-ahhar jum taz-zmien li hemm ghall-preskrizzjoni.”

“Il-konsegwenza ta’ dan hija li l-preskrizzjoni ma gietx interrotta kontra d-Direttur tar-Registru Pubbliku. Gie prezentat protest iehor fis-16 ta’ Dicembru 2004 (kopja tieghu Dokument M2 – fol 183 *et*).

“Jinghad li r-rikorrenti fil-kaz odjern jinsistu li l-azzjoni taghhom kontra l-intimati ghad-danni rekati mill-istess intimati kienet subordinata ghall-azzjoni l-ohra li kienet tittratta jekk il-mandat ta’ inibizzjoni mahrug fuq talba tar-rikorrenti odjerni kien inibixxa l-bejgh tal-proprjetà koncernata. Huma jtennu li l-preskrizzjoni tiddekorri minn mindu huwa possibbli l-ezercizzju ta’ l-azzjoni (**Davison vs Debono**, Prim’Awla, 7 ta’ Novembru 1935). Huma jsostnu li meta azzjoni partikolari tkun subordinata ghal azzjoni ohra ma tistax tiskatta l-preskrizzjoni sakemm ikun deciz l-ezitu ta’ l-azzjoni l-ohra. Infatti ikkwotaw il-kaz tal-Qorti ta’ l-Appell, fid-decizjoni taghha ta’ l-1 ta’ Gunju 1959 fil-kawza fl-ismijiet **Paolo Koludrovich vs Carmelo Muscat** fejn intqal:

“*Se l’esercizio di una azione dipende dall’esito di un giudizio nel quale si contrasta il presupposto del diritto medesimo, la pendenza di questo giudizio costituisce legale impedimento all’esercizio del diritto, e sospende la prescrizzione*” (Fadda, art. 2120, no. 120. Ara wkoll ibid. Art. 2119, nri. 11, 17, 53, 103, 122).

“Il-bazi ta’ dan huwa li d-dritt ma jistax jezisti u jiddekorri anke fil-kaz ta’ preskrizzjoni. Isostnu li kien biss meta l-Qorti ta’ l-Appell, permezz tad-decizjoni taghha tas-6 ta’ Lulju 2007, iddecidiet li l-mandat ta’ inibizzjoni kien gie registrat mill-intimati tardivament tant li ma kienx inibixxa l-bejgh ta’ l-imsemmija proprjeta`, illi l-pretensjonijiet u d-dritt ta’ azzjoni tar-rikorrenti *nomine* kontra l-intimati, setghu jigu ezercitati.

“Din il-Qorti ma taqbilx mat-tezi tar-rikorrenti dwar il-preskrizzjoni. It-test huwa wiehed oggettiv u mhux

suggettiv u cioe` d-dritt ta' l-azzjoni ghall-attur, b'mod li l-principju Ruman *contra non valentem agere non currit prescriptio* jsib applikazzjoni biss fejn il-ligi tippermetti dan minhabba ostakoli materjali, bhal fil-kaz ta' vjolenza li tivvizzja l-kunsens dipendenti mill-mument minn meta tieqaf il-vjolenza jew mill-kxif ta' eghmil doluz, kawza falza jew zball (Kap 16 art 1223). Il-Qorti tirreferi ghall-artikolu 2137 tal-Kap 16 li jipprovdi:
"Bla hsara ta' dispozizzjonijiet ohra tal-ligi l-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dakinhar li din l-azzjoni tista' tigi ezercitata, minghajr ma jittiehed qies tal-istat jew tal-kundizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss."

"Ara f'dan ir-rigward, **Micallef vs Agius**, Appell, 6 ta' Ottubru 2000; u **Attard vs Fenech**, Appell Kummercjali, 15 ta' Frar 1965.

"Japplika wkoll il-principju li l-preskrizzjoni ma tiddekorrix meta persuna tkun impeduta jew imwaqqfa milli tagixxi fil-kaz fejn l-ezercizzju ta' azzjoni processwali tkun necessarjament tiddependi minn pronunzjament iehor u allura ma jistax jiddekorri l-perjodu preskrittiv (**Xuereb vs Zammit**, Appell Kummercjali, 9 ta' Marzu 1994), u dik kwotata mir-rikorrenti fin-nota taghhom **Kuludrovic vs Muscat**, Appell Kummercjali, 1 ta' Gunju 1959). Izda f'dawn l-ahhar kazijiet kien hemm il-prezenza ta' impediment legali a distinzjoni ta' dak odjern. Fl-ahhar kaz kienet ezaminata talba minn kerrej kontra sid il-kera li hallas kera zejda u talab rifuzjoni in segwitu ta' l-iffissar tal-kera gusta. F'dak il-kaz l-inkwilin qatt ma seta' jitlob hlas lura ta' kera zejda qabel ma din stess giet iffissata.

"Kif sewwa sottomess mill-intimati, fil-kaz in ezami ma kien hemm ebda impediment legittimu biex is-socjetajiet rikorrenti ma jipprocedux kontra l-intimati ghar-rizarciment tad-danni. Infatti xejn ma kien izomm lir-rikorrenti li jipprocedu ghax l-impossibbilta` li tagixxi trid tkun wahda indipendenti mill-volonta` u dovuta ghal kawza estraneja u s-semplici injoranza tad-dritt mhix impediment. (Ara **Aquilina vs Globe Electronics Limited**, Prim'Awla, 10 ta' Ottubru 2007, u **Attard vs Fenech**, Appell Kummercjali, 15 ta' Frar 1965).

“Fatt lampanti huwa li apparti tant kunsiderazzjonijiet ohra ma kien hemm xejn xi jzomm lir-rikorrenti milli jibaghtu ittra ufficjali (debitament notifikata) u b’hekk ma tiddekorrix il-preskrizzjoni, anke jekk hassew li kien utli li qabel ma jintavolaw il-kawza odjerna jikkonkludu proceduri ohra.”

Rat ir-rikors tal-appell tal-atturi li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu sabiex din il-Qorti joghgobha:
“… … … thassar u tirrevoka s-sentenza fl-ismijiet premessi li giet deciza fis-6 ta’ Mejju 2010 mill-Onorabbli Prim’ Awla tal-Qorti Civili, billi tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mressqa mill-konvenuti appellati u tirrikmanda l-kawza odjerna quddiem il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili ghall-kontinwazzjoni. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti appellati.”

Rat ir-risposta tal-konvenuti li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu sabiex din il-Qorti joghogobha:
“… … … tirrespingi u tichad l-appell imressaq mill-appellanta nomine u b’hekk tikkonferma s-sentenza moghtija mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fis-6 ta’ Mejju 2010 fl-ismijiet Eleni Papadopoulou nomine v. Direttur Generali tal-Artijiet u Registru Pubbliku et (Rik Gur Nru 546/2008), bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanta nomine.”

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Illi din hi kawza ghad-danni konsegwenza tal-fatt illi, skont ma gie allegat, id-Direttur tar-Registru Pubbliku naqas li jirregistra “minnufih”, kif irid l-Artikolu 874 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili, mandat ta’ inibizzjoni, akkordat mill-Qorti, bis-sahha ta’ liema mandat il-konjugi Stanislav Filatov u Irenia Filatova gew inibiti inter alia milli jittrasferixxu l-villa taghhom f’St. Andrews lil terzi. Nonostante il-hrug tal-mandat, it-trasferiment sar u gie

dikjarat validu mill-Qorti peress li l-mandat ma kienx gie registrat kif trid il-ligi sad-data tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' trasferiment. Din il-Qorti, fis-sentenza taghha tas-6 ta' Lulju, 2007, apparti li kkonfermat il-validita` tal-kuntratt, irriservat favur l-atturi kwalunkwe azzjoni ghad-danni *si et quatenus*.

L-ewwel Qorti sabet favur il-konvenut u sabet l-azzjoni attrici preskritta fit-termini tal-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili, li jippreskrivi terminu ta' sentejn ghal azzjoni ta' danni naxxenti minn delitt jew kwazi-delitt.

L-atturi appellaw u qed jissottomettu li f'dan il-kaz it-terminu ta' preskrizzjoni kien sospiz fid-dawl tal-principju *contra non volentem agere non currit prescriptio*, u dan peress li jghidu li d-dritt ta' azzjoni kontra l-konvenuti qam biss fid-data tal-istess decizjoni ta' din il-Qorti ta' Lulju, 2007.

Jirrizulta li l-"incident" ta' allegat negligenza ta' parti tad-Direttur tar-Registru Pubbliku sehh f'Settembru tal-1998. Lanqas ma hu kontestat li l-preskrizzjoni applikabbli hi dik ta' sentejn kif invokat, u generalment, il-preskrizzjoni tibda tghaddi mill-jum li fih ikun gara l-fatt illecitu li minnha jidderiva d-dannu. Mill-atti jirrizulta li fil-11 ta' Mejju, 2001, l-atturi kienu pprezentaw protest gudizzjarju kontra d-Direttur tar-Registru Pubbliku li pero`, baqa' ma giex notifikat kif trid il-ligi. Sar protest gudizzjarju iehor fis-16 ta' Dicembru, 2004, li din id-darba gie notifikat lill-konvenut. Dawn l-atti gudizzjarji ma jistghux iservu biex jinterrompu l-preskrizzjoni, peress li l-ewwel protest baqa' mhux notifikat, fil-waqt li t-tieni protest sar tardiv, wara li kien skada t-terminu preskrittiv, u f'kull kaz, sentejn u seba' xhur wara l-ewwel protest gudizzjarju.

L-atturi jghidu li t-terminu ta' preskrizzjoni kien gie sospiz sakemm giet deciza li kawza fuq il-validita` tal-kuntratt ta' trasferiment minn din il-Qorti fis-6 ta' Lulju, 2007. Il-ligi ma tipprovdix sospensjoni tat-terminu tal-preskrizzjoni minhabba dan l-allegat impediment, pero` id-duttrina u l-gurisprudenza, in omagg ghall-principju Ruman *contra non volentem agere non currit prescriptio*, accettaw, f'certi

cirkostanzi limitatissimi, li jistghu jezistu cirkostanzi li jissospendu l-mixja tat-terminu ta' preskrizzjoni. Wahda minn dawn ic-cirkostanzi hija meta d-dritt tal-azzjoni jinholoq f'kawza, b'mod li allura wiehed ikun fl-impossibbilita` li jagixxi qabel ma tigi deciza dik il-kawza.

Dan ma jfissirx, pero`, li meta sentenza semplicement "tirriserva" dritt ta' azzjoni *si et quatenus*, bhal ma gara f'dan il-kaz, hi tkun qed "tohloq" xi dritt ta' azzjoni li ma kienx jezisti qabel. Meta ssir riserva *si et quatenus*, kull ma jsir hu li l-Qorti tkun qed tirriserva lill-parti dritt ta' azzjoni jekk jezisti u jekk disponibbli, pero`, ma tkun qed taghti ebda drittijiet godda lil dik il-parti jew b'xi mod tirriavviva dritt ta' azzjoni li jkun gia` skada.

F'dan il-kaz, id-dritt ta' azzjoni ghad-danni konsegwenza tal-allegat agir negligenti tad-Direttur tar-Registru Pubbliku ma nholoqx mid-decizjoni ta' din il-Qorti, izda mill-allegat ommissjoni tad-Direttur. L-ezitu tas-sentenza fil-kawza l-ohra ma holoq ebda dritt ta' azzjoni konsegwenzjali favur l-istess atturi sabiex jipprocedu b'din l-azzjoni ghar-rizarciment tad-danni, u kif osservat il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Mohnani v. Galea**, deciza fil-21 ta' April, 2009, b'kumment li jghodd ukoll ghal dan il-kaz, "*ma kien hemm xejn x'izomm lill-atturi milli, imqar b'ittra ufficjali, jwaqqfu kull darba l-moghdija ta' dak iz-zmien*". Fl-istess sens huwa l-kumment tal-istess Qorti fil-kawza **Chircop et v. Naudi et**, deciza fid-29 ta' April, 2010, fejn inghad illi "*ma kien hemm xejn li kien jippreskludi lill-atturi milli jharsu d-dritt ta' azzjoni taghhom bla ma jistennew l-ezitu tal-kawza l-ohra*" (ara wkoll **Vella v. Camilleri**, deciza minn din il-Qorti fit-28 ta' Novembru, 2003).

Il-pozizzjoni korretta ta' meta l-preskrizzjoni tigi sospiza, giet iccarata minn din il-Qorti fil-kawza **Xuereb v. Zammit**, deciza fid-9 ta' Marzu 1994, fejn intqal hekk:
"… … … *meta tkun sentenza tal-Qrati li tohloq id-dritt ta' azzjoni, isegwi, illi l-azzjoni gudizzjarja tista' tinbeda biss wara dik is-sentenza u li, wkoll, minn dik id-data tista' tibda tiddekorri l-preskrizzjoni. Mentri meta sentenza tkun sempliciment dikjaratorja ta' x'kienet il-posizzjoni guridika korretta qabel beda l-procediment, allura, huwa daqstant*

*iehor car li tali sentenza m'ghandha ebda rilevanza la ghal meta l-azzjoni tal-kreditur setghet tigi intavolata u konsegwentement, ghad-data li minnha bdiet tiddekorri l-preskrizzjoni.*"

Il-preskrizzjoni tigi sospiza meta sentenza "tohloq" dritt ta' azzjoni, u mhux semplicement meta sentenza tiddikjara li jista' jkun hemm dritt ta' azzjoni naxxenti minn fatt li sehh snin qabel. Kwindi, ma hux minnu, kif jissottomettu l-appellanti, li d-dritt tal-azzjoni "qam biss fid-data" tas-sentenza ta' din il-Qorti ta' Lulju, 2007. Id-dritt tal-azzjoni "twieled" f'Settembru 1998, u lahaq "miet" sa ma sar il-protest gudizzjarju ta' Dicembru 2004, u ma setax u ma giex "rixxuxitat" bis-sentenza ta' din il-Qorti ta' Lulju 2007. It-terminu preskrittiv jibda jiddekorri minn dakinhar li l-azzjoni setghet titmexxa, u cioe`, "*minn dakinhar li s-socjeta` attrici setghet tkun taf bl-inadempjenza*" (**Mizzi v. Cauchi**, deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Settembru, 2009), u f'dan il-kaz jirrizulta li l-atturi kienu zgur jafu "*bl-inadempjenza*" meta pprezentaw l-protest gudizzjarju, fejn irriklemaw danni, f'Mejju tal-2001; li l-atturi ma segwewx il-materja b'diligenza u hallew jghaddi z-zmien preskrittiv, ma hu tort ta' hadd hlief taghhom.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-atturi billi tichad l-istess u tikkonferma in toto s-sentenza tal-ewwel Qorti, bl-ispejjez kollha jithallsu mill-istess atturi appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------